**Is-Smigħ – Is-Sitt Sena – Frar 2020**

**L-Ewwel Silta**

# Moħħha fil-Ġirien

Tonina  ma kinitx mara ħażina imma kellha difett kbir u ikrah. Kienet tħobb tilħaq salib ħaddieħor, jiġifieri dejjem moħħha x'inhu jagħmel ħaddieħor. Dejjem moħħha fil-ġirien u trid tkun taf x'inhu jagħmel dak u x'inhi tagħmel loħra. Kienet tqatta' ħin twil jew fil-bieb tad-dar jew fit-tieqa ħalli tara x'inhu jiġi madwarha.

Darba waħda waqt li kienet qed issajjar, semgħet ħafna għajjat barra t-triq. Tonina mill-ewwel intebħet li kien ġara xi ħaġa u wiċċha xegħel bil-ferħ. Marret tara x'kien qiegħed jiġri u hemm sabet li xi ġirien kienu qegħdin jiġġieldu u jitgħajru. Tonina ntasbet wara l-bieb tad-dar tagħha minn fejn setgħet tara kulma kien qiegħed jiġri fit-triq. Hija baqgħet hemm barra għax ma riedet titlef xejn minn dak li kien għaddej fit-triq. Min-naħa l-oħra kellha xi ftit biża' li jekk jiġu il-pulizija, jistgħu jtellgħuha bħala xhud. U Tonina tgħidx kemm kienet tibża' mill-qorti! Imma d-drawwa kerha li kellha li tilħaq salib ħaddieħor tant kienet qawwija fiha li ma ħallithiex titħarrek minn fejn kienet! Tant kienet mitlufa tara dik it-tilwima li nsiet li kellha l-ikel fuq in-nar! Meta spiċċat il-ġlieda u l-ġirien li kienu qed jitgħajru daħlu ġewwa f'darhom, Tonina daħlet ġewwa hi wkoll biex tkompli ssajjar u tlesti l-ikel. Imma kif qorbot lejn il-kċina li kienet fuq in-naħa ta' wara tad-dar , Tonina xammet riħa ta' ikel maħruq.

"Ara xi ġrali! Ara xi ġrali!" bdiet tibki u tgħajjat Tonina. Ftit ħin wara wasal ir – raġel tagħha mix-xogħol u ma kellhiex ikel x'tagħtih. U għal dak inhar Tonina u r-raġel kellhom jieklu biċċtejn ħobż bil-ġobon għax l-ikel kien inħaraq kollu!

"M'hemmx li titgħallem int !" qalilha żewġha. "Lill-ġirien ħallihom. Dak li jiġri mill-għatba 'l barra m'għandekx x'taqsam miegħu!  Ħu ħsieb darek u ħwejġek u tgħix aħjar!"

Imma Tonina baqgħet dejjem moħħha fil-ġirien! Kif jgħidu min jitwieled tond ma jmutx kwadru!

**It-Tieni Silta**

# Il-Karettun tal-Ħobż

Fl-imgħoddi kont issib min kellu forn id-dar u kien jagħmel il-ħobż hu. Dan x'aktarx kont issibu fid-djar kbar. Imma l-maġġornaza tal-Maltin kienu jgħixu fi djar żgħar u ma kellhomx forn id-dar. Għalhekk kienu jagħġnu l-ħobż u jeħduh għand il-furnar biex jaħmihulhom. Imma kien hemm oħrajn li ma kinux jagħġnu l-ħobż huma u għalhekk kienu jixtruh mingħand tal-forn jew mingħand il-bejjiegħ tal-ħobż. Dan għall-ewwel kien iqassam il-ħobż minn ġo xkora li kien iġorr fuq spalltu, iżda meta x-xogħol beda jiżdied, il-bejjiegħ tal-ħobż kellu juża l-karettun li kien jesa' ħafna iktar minn dik l-ixkora.

Fuq il-karettun kien ikun hemm kaxxa li fiha kien jitqiegħed il-ħobż. Aktar tard din il-kaxxa bdiet tinħadem b'żewġ bibien li kienu jinfetħu 'l fuq. Meta t-tqassim tal-ħobż beda jinfirex sewwa fl-irħula u fl-ibliet, il-karettun tal-ħobż ħa sura ġdida. Issa l-ħobż beda jinġarr f'kaxxa kbira u għolja, bil-lasti u żewġ roti kbar. Din kienet tinġibed minn żiemel. Il-kaxxa kienet tinfetaħ minn wara b'żewġ bibien kbar li kienu jingħalqu b'ganġetta twila fuq wara. Il-ħobż kien jitqiegħed fil-qiegħ tal-kaxxa jew fuq xi xkafef li kien ikun hemm fuq in-naħa ta' ġewwa. Biex jiġbed il-ħobż, il-bejjiegħ kien ikollu bħal qisha lasta twila tal-ħadid, b'ganċ fit-tarf. Ħdejn il-bieba tax-xellug, il-bejjiegħ kien iżomm kexxun tal-flus u miżien. Waqt li jbigħ il-ħobż, il-bejjiegħ kien joqgħod bejn il-bibien miftuħa u

fuq rasu kien ikollu tinda biex tilqagħlu x-xemx u x-xita. Ħafna minn dawn il-karrettuni kienu miżbugħin  sofor u fuqhom kienu jiktbu xi kelmiet bħal 'Ħobż Bnin' jew 'Ħobż Tajjeb'. Kien hemm ukoll oħrajn miktubin bl-Ingliż 'Good Bread'.

Wara l-gwerra bdew deħlin il-vannijiet u l-karettuni tal-ħobż naqsu ħafna minn ġot-toroq tagħna. Minbarra dawn il-karettuni kbar li semmejna, kien hemm oħrajn li kienu iżgħar u kienu armati b'vetrina żgħira bil-bibien tal-ħġieġ. Dawn kienu jbigħu ħobż differenti li jkollu xi forma mhux tas-soltu. Fost dawn kien hemm dak il-ħobż artab li kienu jgħidulu tal-Franċiż.

Fl-1907 kienet infetħet f'Malta l-fabbrika ta' Blackley fil-Pietà. Dawn kellhom karettuni sbieħ, li kellhom erba' roti flok tnejn. Kienu ta' kulur skur bir-roti sofor u b'ħafna kitba fuq il-ġnub. Il-bibien kienu fuq wara u s-sewwieq kellu tinda sabiħa fuq rasu, ħierġa minn mas-saqaf.

*(Silta meħuda minn Kullana għat-Tfal: It-Trasport, pġ 14-15)*